**QORTI TAL-MAGISTRATI (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 17, 31, 33A, 49, 50, 214, 215, 216, 289, 338(dd), 383, 384, 385, 386, 387, 412C u 533**
**tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

***Kumpilazzjoni***
***Nru: 671/12***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**MASSIMO CARUSO**
**(ID: 22119A)**

**EMMANUEL PACE**
**(ID:99585M)**

**-OMISSIS-**

**Illum 27 ta' Gunju, 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MASSIMO CARUSO** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 22119(A)

U

**EMMANUEL PACE** detentur tal-karta tal-identita': 99585(M)

U

**-OMISSIS-**

gew imressqa quddiemha u akkuzati talli nhar is-17 ta' Mejju 2012 ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar (16:30hrs) gewwa divisjoni numru 6 fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, Rahal Gdid, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja tal-prigunier Jeffrey Cassar f'periklu car, ikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jeffrey Cassar mill-Mosta liema griehi gew iccertifikati bhala gravi minn Dr. Maureen Bezzina Med Reg:5271.

Talli volontarjament kisru l-kwiet u l-paci pubblika b'ghajjat u gliet.

Talli saru recidivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija titratta lill-hatja ai termini tal-artikolu 33A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija meta jidrilha xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' Jeffrey Cassar jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena torbot lill-hatja b'obbligazzjoni taghhom innifishom taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti ai termini tal-artikolu 383 et seq tal-Kap 9.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom *person details* a fol. 31, zewg (2) estratti mill-att tat-twelid a fol. 32 u 33, zewg (2) fedini penali a fol. 34 et sequitur, zewg (2) stqarrijiet a fol. 55 et sequitur u DVD a fol. 79 tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-

Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tieghu tal-20 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda perodotta mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza.

Ikkunsidrat.

**Dr. Joseph Tonna** xehed nhar l-1 ta' Lulju, 2014 u spjega li fis-sbatax (17) ta' Mejju, tas-sena elfejn u tnax (2012) huwa kien residenti bhala tabib tal-Habs u jiftakar li fost l-ezamijiet medici li ghamel kienu gabulu lil Jeffrey Cassar fejn gie allegat li allegatament dan kien gie aggredit minn prigunieri residenti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin..

Spjega li dan Jeffrey Cassar kien allega li kien qala' diversi daqqiet u meta ghamillu l-ezami mediku rrizulta li kellu diversi daqqiet u tbengil kemm f'rasu kif ukoll f'partijiet ohra ta' gismu. Spjega illi kellu hafna tbengil f'dahru, ma setax icaqlaq sewwa spalltu x-xellugija, kellu tbengila ohra f'rasu fil-qurriegha, kien qed jugghu imniehru, kellu tbengil u grif fuq irkupptejh it-tnejn (2) u spjega wkoll illi kellu r-*right ankle* li kienet *tender* u mugugha.

Peress li kellu diversi tbengiliet specjalment fuq dahru, u qallu li kien qala' xi daqqiet ta' sieq bil-wiesa' li setghu kisrulu xi kustilja jew missewlu xi fwied jew xi kliewi, baghtuh l-isptar ghal aktar osservazzjoni u sa fejn jiftakar dan Jeffrey Cassar kien ghamel xi gimgha u nofs l-isptar. Esebixxa certifikat mediku li kien gie rilaxxat minnu liema certifikat gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument Z.

**Dr. Maureen Bezzina** xehdet nhar l-1 ta' Lulju, 2014 u spjegat li hija kienet tahdem fid-Dipartiment tal-Emergenza fl-isptar Mater Dei. Tiftakar illi nhar is-sbatax (17) ta' Mejju, 2012 kien mar l-isptar prigunier maghruf bhala Jeffrey Cassar u dan beda jikkomplejnja li allegatament kien gie msawwat minn diversi prigunieri .

Spjegat li hija ghamlet l-ezami mediku fuq dan il-pazjent u rrizultalha illi huwa kien qed isofri minn griehi gravi konsistenti (skont is-*CT Scan* li huma ghamlulu taz-zaqq) f'ticrita fil-milsa u kien hemm id-demm taht il-*cover* tal-milsa. Spjegat li kien hemm diversi tbengil fuq gismu kollu u spjegat ukoll li kien mugugh f'gismu kollu. Esebiet certifikat rilaxxat minnha dakinhar li l-Qorti mmarkat bhala dokument Z1. Ikkonfermat pero' illi l-pazjent Jeffrey Cassar gie mizmum l-isptar u sussegwentement gie taht kura ta' tobba ohrajn li jiehdu hsieb is-sala.

Spjegat li meta jkun hemm griehi bhal dawn in kwistjoni fejn ikun hemm ticrita fil-milsa huma jaghmlu referenza ghall-kirurgi.

**Jeffrey Cassar** xehed nhar l-1 ta’ Lulju, 2014 u spjega li jiftakar illi fis-sbatax (17) ta' Mejju, 2012 huwa kien qieghed fil-bitha ta' *Division six* (6) gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Kien bilqieghda flimkien ma' prigunier iehor u spjega li kien gie fuqu prigunier maghruf bhala Yousef Essesi u beda jaghtih bis-sieq.

Mistoqsi r-raguni ghaliex dan beda jaghtih bis-sieq spjega li ma jafx u fil-fehma tieghu beda jaghtih ta' xejn b'xejn. Mistoqsi mill-Qorti x'ghamlu l-imputati Massimo Caruso u Emmanuel Pace spjega li ma jafx. Huwa dak il-hin kien qed jaqla' bis-sieq u kien qed jaqla' d-daqqiet minghand Jousef Essesi. Mistoqsi jekk Pace u Caruso kienux fil-vicin spjega illi iva kienu hemmhekk fil-vicin. Mistoqsi jekk kienx hemm nies ohrajn li bdew jaghtuh bis-sieq apparti Jousef Essesi spjega illi ma jafx. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx qed jibza' minn xi hadd spjega illi le.

Mistoqsi mill-Qorti jekk jinsabx fl-istess *Division* tal-imputati odjerni spjega illi le f'*Division* iehor. Apparti illi din il-glieda zvolgiet fil-bitha spjega li tkompliet gewwa u spjega li anke gewwa kien Jousef Essesi li beda jaghtih bis-sieq. Sussegwentement kien gie invistat mit-tabib tal-Habs Dr. Tonna u gie riferut l-isptar u ghamel zmien l-isptar. Ghamel xi ghaxart (10) ijiem. It-tobba qalulu li kellu jibqa' bhala *in patient* l-isptar u dan ghaliex kellu xi haga fil-milsa u setghet infaqghat u ghalhekk kieku nfaqghat kien ikollu bzonn operazzjoni ta' malajr.

**WPS 167 Justine Grech** xehdet nhar l-1 ta’ Lulju, 2014 u esebiet okkorrenza relatata mal-incident li sehh gewwa l-Habs nhar is-sbatax (17) ta' Mejju, 2012 fejn kien safa' vittma Jeffrey Cassar. Tiftakar li kienet irceviet telefonata mill-Habs illi kienet sehhet glieda gewwa *Division six* (6) u kien hemm prigunier li xtaq jaghmel rapport. Hija hemmhekk marret fuq il-post fejn iltqaghet ma' Jeffrey Cassar u kien qalilha li waqt li kien gewwa *Division six* (6) kien hemm tlett (3) persuni li kienu gew iddentifikati bhala Emmanuel Pace, Massimo Caruso u Jousef Essesi li tnejn minnhom gharfithom fl-Awla bhala l-imputati odjerni. Jeffrey Cassar kien gie nvistat minn Dr. Tonna u kien gie riferut lejn l-isptar Mater Dei.

Sussegwentement kienet baghtet ghaz-zewg (2) imputati li gharfet prezenti fl-Awla u ghal Joussef Essesi pero' hadd minnhom ma qalilha

x'kien gara. Tkellmet ukoll mas-CO 94 Charlie Camilleri li kien allega li sema' ghajjat u ra lil Jeffrey Cassar jaqa' mal-art. Insegwitu' kienet rat is-CCTV *recording* fejn kien jidher Jeffrey Cassar bilqieghda u sussegwentement dahlu z-zewg (2) imputati li gharfet prezenti fl-Awla flimkien ma' Joussef Essesi u bdew ituh. Infurmat lill-Ispettur Jurgen Vella dwar dan ir-rapport. Taghtu wkoll kopja tas-CCTV *recording* u l-ghada tmintax (18) ta' Mejju kienet gabret certifikat minghand Dr. Maureen Bezzina mill-isptar Mater Dei fejn kien gie deskritt li Jeffrey Cassar kien qed isofri minn griehi ta' natura gravi. Esebiet ir-rapport iffirmat minnha li l-Qorti mmarkat bhala dokument PS.

**CO94 Charlie Camilleri** xehed nhar l-1 ta' Lulju, 2014 u spjega li huwa jahdem bhala *Correction Officer* fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u spjega illi fis-sbatax (17) ta' Mejju, 2012 huwa kien ghassa fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Effettivament kien stazzjonat fid-*Division six* (6) meta ghall-habta tal-erbgha neqsin kwart (15:45) ta' wara nofsinhar sema' storbju gej mill-bitha tad-*Division six* (6) fis-sens li kien hemm xi hadd li qed jiggieled, daqqet l-*alarm*, nizel isfel, fetah id-*Division* u hareg mid-*Division* Jeffrey Cassar jghajjat Essesi, Essesi. Dan Jeffrey Cassar allega li kien gie msawwat minnu. Sussegwentement kienu gew il-membri tal-SRT u qaflu lil Essesi u Jeffrey mar l-MIU ghat-trattament mediku. Jeffrey Cassar dak il-hin semma' lil Essesi biss.

Mistoqsi jekk rax il-glieda in kwistjoni spjega li le ma rahiex. Mieghu dakinhar ukoll kien hemm s-CO 169 Josef Barbara. Mistoqsi jekk kienx hemm xi *Correctional Officer* hdejn il-prigunieri fejn saret il-glieda spjega li le ma kienx hemm.

**Kurt Mahoney** xehed nhar is-17 ta' Novembru, 2014 u spjega li huwa kien gie nominat minn din il-Qorti kif presjeduta b'digriet taghha tal-ewwel (1) ta' Lulju, 2014 u dana sabiex huwa jirtira *stills* minn DVD li gie pprezentat f'din il-Qorti. Esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet markata bhal Dok KM (fol. 98) maghmula ai fini ta' tali nomina u jinsab ukoll f'posizzjoni li jghaddi kopja tal-inkarigu tieghu lid-Difiza kif ukoll lill-Prosekuzzjoni. Inoltre rritorna d-DVD li a bazi tieghu hu ghamel l-inkarigu tieghu.

**CO 169 Josef Barbara** xehed nhar is-17 ta' Novembru, 2014 u spjega li jiftakar li fis-sbatax (17) ta' Mejju, 2012 huwa kien xoghol fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fid-*Division Six* (6). Spjega li huwa kien xoghol fil-*Guard Room* ta' fuq. Spjega li f'hin minnhom sema' xi

ghajjat, hares god-*Division Six* (6) u ra li ma kien hemm xejn pero' sema' xi ghajjat gej mid-direzzjoni tal-bitha. Jahseb li meta sema' l-ghajjat CO 94 ghafas il-buttuna l-*alarm* u gew tal-SRT. Mistoqsi min kienu tal-SRT spjega li nesa' pero' jirrizulta mill-okkorrenza. L-okkorrenza giet redatta mis-CO 94.

Jaf li Jeffrey Cassar beda jsemmi l-persuna ta' Essesi bhala l-agressur tieghu. Filfatt beda jghid li Essesi dar ghalih. Mistoqsi jekk effettivament Jeffrey Cassar spiccax b'xi feriti spjega li ma jafx.

**L-Ispettur Jurgen Vella** xehed nhar is-17 ta' Novembru, 2014 u spjega li nhar is-sbatax (17) ta' Mejju, 2012 ghall-habta tal-hamsa u ghaxra (17:10) ta' wara nofsinhar l-Ghassa Rahal Gdid kienet giet infurmata mill-Ufficjali tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin illi gewwa d-*Division Six* (6) kien hemm prigunier li ried jaghmel rapport rigward glieda li nqalghet fl-istess Divizjoni fejn irrizulta li dan il-prigunier kien certu Jeffrey Cassar. Kienet nizlet is-Surgenta WPS 167 fuq il-post fejn kellmet lis-Sur Cassar fejn kien allegalha illi kienu qabdu jtuh tlett (3) persuni certu Yousef Essesi, Massimo Caruso kif ukoll Emmanuel Pace.

Sussegwentement is-Sur Jeffrey Cassar kien gie mehud *MI Room* tal-Habs minhabba li kien sofra xi griehi kawza ta' dana l-argument fejn Dr. Joseph Tonna tal-istess *MI Room* tal-Habs kien irreferih ghall-isptar Mater Dei minhabba xi ezamijiet medici ulterjuri. Hemmhekk kien gie ezaminat minn Dr. Maureen Bezzina tal-Emergenza u kien inzamm ghal xi jiem fl-osservazzjoni gewwa s-sala S5. Jiftakar li huwa kien mar l-isptar xi jiem wara fejn mar ikellem lis-Sur Jeffrey Cassar fejn dan kien qallu illi Massimo Caruso, Emmanuel Pace maghruf bhala l-'Panther' u Yousef Essesi kienu hebbew ghalih ghal xejn b'xejn u ma kienx jaf ir-raguni. Meta baqa' jinsisti x'kienet ir-raguni li bdew jiggieldu, li marru ghalih dan baqa' jghid li ma kienx jaf ghalxiex kienu qabdu jtuh. Huwa kien stqarr li fid-*Division* numru sitta (6) kien ilu biss jumejn (2). Kien staqsih jekk kienx jiftakar jekk kellux xi argumenti ohra fl-istess Divizjoni imma Jeffrey Cassar qal illi ma kellu l-ebda argumenti hlief dan l-argument ta' ftit jiem qabel ma' Yousef Essesi, il-'Panther'u Massimo Caruso.

Huwa mbaghad sussegwentement kien talab il-Habs biex jaghtuh filmat. Qal li minn dan il-filmat kien jidher Jeffrey Cassar qieghed fil-bitha bilqieghda mal-art u f'daqqa wahda dahlu tlett (3) persuni illi mill-filmat seta' jiddentifika l-ucuh fejn imbaghad aktar tard irrizulta li

kienu iz-zewg (2) imputati flimkien ma Jossef Esesi. Minn dan il-filmat jidher illi t-tlett (3) persuni kienu marru fuq Jeffrey Cassar u qabdu jtuh bis-sieq u jkaxkruh mal-art.

Sussegwentement din il-glieda mbaghad kompliet fuq in-naha ta' gewwa hekk kif Yousef Essesi prova jisgiccalhom u dahal fuq in-naha ta' gewwa fejn hemmhekk ukoll mill-filmat deher jaqa' fl-art u komplew dawn it-tlett (3) persuni komplew ituh bis-sieq. Jiftakar illi fil-filmat Massimo Caruso kien liebes flokk ta' lewn cilesti u s-Sur Emanuel Pace maghruf bhala l-'Panther' kellu *shorts* ta' lewn ahmar bil-fjuri.

Sussegwentement huwa kien baghat ghall-imputati kif ukoll ghal Joussef Esesi. Huwa tkellem ma l-imputat Emmanuel Pace fejn dan gie moghti s-solitu twissija u d-dritt li jista' jikkonsulta mal-Avukat pero' kien irrifjuta tali assistenza u kien iffirma dikjarazzjoni ghal dan il-ghan. Fl-istqarrija tieghu huwa qal illi kien ra l-glieda pero' baqa' passiv min-naha tieghu anzi prova jferraq, pero' fl-ebda mod, fl-ebda hin ma kien sawwat lil Jeffrey Cassar.

Spjega ukoll li b'kumbinazzjoni meta kien baghat ghal dan Pace u Pace kien mar ikellmu fl-ufficcju tieghu nzerta illi s-Sur Emmanuel Pace kien liebes l-istess *shorts* illi kien deher fil-filmat waqt il-glieda. Huwa kien staqsih jekk kienx sellef xi hwejjeg lil xi hadd fic-cella pero' huwa kien qallu li le. Dakinhar kien nizlu l-Forensika fejn kienu hadu xi ritratti, kienu ttiehdu xi ritratti tas-Sur Emmanuel Pace li kien se jesebixxi iktar tard wara x-xhieda tieghu.

Sussegwentement l-Ispettur Spiridione Zammit kien ukoll kellem lis-Sur Massimo Caruso fejn dana wara li nghata d-dritt li jkellem Avukat kien irrinunzja ghal dan id-dritt u fl-istqarrija tieghu li kien ta lill-Ispettur Spiridione Zammit is-Sur Massimo Caruso kien qal li Jeffrey kien habat mieghu u waqa' fl-art, izda ma kien ra l-ebda glieda la fil-bitha u lanqas fuq in-naha ta' gewwa. Liema stqarrija s-sur Caruso kien ghazel li ma jiffirmax.

Ix-xhud esebixxa iz-zewg (2) dikjarazzjonijiet ghar-rifjut tal-parir legali tas-Sur Emmanuel Pace kif ukoll tas-Sur Massimo Caruso li gew immarkati bhala dokumenti JV, u JV 2. Esebixxa zewg (2) stqarrijiet taz-zewg (2) imputati Emmanuel Pace u Massimo Caruso li gew immarkati bhala dokumenti JV 5 u JV 6. Esebexxa sett ritratti li qeghdin go *envelope* kannella li gie mmarkat bhala dokument JV 8 u

spjega li bhala ritratti hemm sitta (6). Dawn ir-ritratti huma tas-Sur Emmanuel Pace.

**L-Ispettur Spiridione Zammit** xehed nhar is-17 ta’ Novembru, 2014 u spjega li ra l-istatement esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala dokument JV 6 u spjega li din hija l-istqarrija li giet rilaxxata minn Massimo Caruso li qed jaghraf prezenti fl-Awla bhala l-imputat odiern. Spjega wkoll li effettivament Massimo Caruso ghazel li ma jiffirmax din l-istess stqarrija. Gharaf il-firma tieghu u l-firma ta' PC 611 Jane Magro fuq kull faccata taghha.

Ra wkoll id-dokument JV li hija dikjarazzjoni tar-rifjut tal-Avukat liema dikjarazzjoni hija mmarkata bhala dokument JV u spjega illi fuq din id-dikjarazzjoni hemm il-firma tieghu, dik ta' PC 179 kif ukoll ta' Massimo Caruso.

**Dennis Thornton** xehed nhar it-2 ta’ Lulju, 2015 u spjega li jikkonferma li fis-sbatax (17) ta’ Mejju, 2012 huwa kien jahdem l-SRT u kien stazzjonat il-Habs. Huwa ma kienx involut fil-glieda li sehhet u lanqas ma ra din il-glieda ssehh. Stqarr li jista' jkun li meta l-Ufficjal tal-*Division* daqq l-alarm huwa ma kien jaf xejn dwar il-glieda. Qal li huwa sar jaf wara meta staqsa. Lanqas ma jiftakar il-kommozzjoni li sehhet wara. Gie infurmat illi huwa jidher fil-filmat hdejn il-mejda. Spjega li dwar dan huwa ma ghandu l-ebda memorja. Sar jaf li kien hemm glieda wara.

**Dr. Eileen Borg** xehdet nhar is-17 ta’ Settembru, 2015 u spjegat li hija kienet giet nominata b'digriet ta' din il-Qorti kif preseduta sabiex tezamina lil Jeffrey Cassar. Spjegat li effettivament hija kienet ezaminat lil Jeffrey Cassar u li kienet f’posizjoni li tispjega li dan Cassar effettivament m'ghandu xejn residwali bhala feriti. Esebiet kopja tar-rapport imhejji minnha li gie mmarkat bhala dokument EB.

**PC 1034 Julian Micallef** xehed nhar is-17 ta’ Settembru 2015 u spjega li qed jesebixxi dikjarazzjoni tar-rifjut datata erbatax (14) ta' Gunju, 2012 li giet immarkaat bhala dokument DM1. Spejga li fuq dan id-dokument gharaf il-firma ta' Emanuel Pace li qed jaghraf prezenti fl-Awla bhala l-imputat, ta' PC 1400 Matthew Vella, kif ukoll tal-Ispettur Jurgen Vella.

**PC 611 Justin Magro** xehed nhar it-12 ta' Jannar 2016 u spjega li qed jara l-istqarrija rilaxxata minn Massimo Caruso nhar l-ghoxrin (20) ta' Mejju, 2012, liema stqarrija ttiehdet minn gewwa l-ufficcju tal-Ispettur Spiridione Zammit fl-ghoxrin (20) ta' Mejju, 2012. Gharaf il-firma tieghu u dik tal-Ispettur Spiridione Zammit. Spjega illi dakinhar Massimo Caruso kien iddecieda li ma jiffirmax din l-istqarrija. Massimo Caruso huwa l-imputat fuq il-bank fin-nofs.

**PC 1400 Matthew Vella** xehed nhar it-12 ta' Jannar 2016 u spjega li qed jara l-istqarrija rilaxxata minn Emmanuel Pace fl-erbatax (14) ta' Gunju, 2012 mehuda gewwa l-ufficcju tal-Ispettur Jurgen Vella. Spjega illi din tinsab a fol. 61 tal-Process. Gharaf il-firma tieghu u dik tal-Ispettur Jurgen Vella. Emmanuel Pace ddecieda li ma jiffirmax din l-istqarrija. Spjega li Emmanuel Pace huwa l-imputat fuq in-naha tal-lemin tal-Qorti.

**PC 179 Clayton Gatt** xehed nhar it-12 ta' Jannar 2016 u spjega li qed jigi muri dokument esebit fl-atti a fol. 105 tal-Process li huwa mmarkat bhala dokument JV. Spjega li dan huwa dikjarazzjoni ta' rifjut. Spjega illi fil-fatt Massimo Caruso huwa l-imputat fuq il-bank fin-nofs tal-Qorti. Dan kien iddecieda li ma jitlobx ghall-assistenza legali.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-16 ta' Frar, 2016 (fol. 221) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fit-18 ta' Frar 2016 (fol. 222) gew moqrija l-artikoli u l-imputati Massimo Caruso u Emanuel Pace iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputati jghidu li ma kienux ser jixhdu pero' li kienu ser iressqu xi xhieda *in difesa*. Semghet dawn l-istess xhieda hekk kif prodotti.

**Christine Grech,** xehdet nhar id-9 ta' Gunju, 2016 u spjegat illi effettivament il-*probation* li kellu l-imputat Massimo Caruso kellha tispicca f'Lulju 2016. Spjegat illi d-denunzja in kwistjoni kienet lahqet giet prezentata fis-sebgha (7) ta' Marzu 2016 u dan ghaliex l-imputat naqas li jzomm kuntatt maghha. Qalet li l-imputat ma hallasx it-tlett elef Ewro (€3,000) kumpens li kien ordnat li jaghmel minn din il-Qorti fis-sentenza taghha. Effettivament spjegat li skont is-sentenza huwa

kellu jaghmel pagamenti mensili, pero' l-imputat ma aderixxiex ruhu ma' dik is-sentenza u spjegat li effettivament baqaghlu jhallas is-somma ta' elf u tmien mitt Ewro (€1,800). Effettivament kien hemm zmien ukoll meta l-imputat ghamel pagament li kien ihalli aktar minn mitt ewro (€100) kif kien dovut li jaghmel. Effettivament il-hlasijiet saru permezz ta' *bank draft* u spjegat li effettivament l-ahhar zewg (2) *bank drafts* kienu *expired* ukoll ghaliex zammithom aktar minn tlett (3) xhur. Spjegat li effettivament kienet tilfet kull kuntatt ma l-imputat u dan ghaliex hija kienet tibghatlu l-ittri u ma kienx jigi u kienet iccempillu bil-*mobile* u ma kienx iwiegeb. L-ahhar appuntament li attenda kien fit-tnejn (2) ta' Frar 2016 u dakinhar pprova jaghtihom cekk ta' hames mitt Ewro (€500) biex jaqta' pagament pero' huma ma jaccettawx cekkijiet izda *bank drafts*, pero' cio' nonostante hu baqa' ma bidlux f'*bank draft*.

Spjegat ulterjorment li hija tokkupa l-kariga ta' *Manager Head of Boys Learning Support Centre* fil-*Hamrun*. Mistoqsija jekk tafx l-imputat Massimo Caruso spjegat li tafu. Spjegat li effettivament huma mxew minn skola ghal skola u kellhom bzonn hafna *refurbishment* fosthom tibjid, tikhil u affarijiet simili u kienu qabdu grupp ta' *inmates* biex jaghmlu x-xoghol u ghalhekk meta kien jahdem maghhom Massimo Caruso kien diga' residenti gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u dana kien is-Sajf li ghadda 2015. Qalet li hija dejjem rat rispett kbir minghand Massimo waqt li kien qed jahdem maghhom, kemm maghha kif ukoll mal-istaff taghha u mill-grupp li kien hemm, Caruso kien l-iktar kapaci fejn jidhol kwistjoni ta' *trades*. Spjegat li effettivament kien jghaqqadhom bhala *team* u jaghtihom ix-xoghol, jinkoraggihom biex jahdmu u affarijiet bhal dawn.

Illi fid-19 ta' Lulju, 2016 xehed **Dr. George Grech** u ddikjara li ilu jaf lill-imputat Emanuel Pace ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena u li effettivament dan kellu dipendenza fuq sustanzi illeciti l-aktar eroina. Kien ukoll jabbuza minn alkohol u huma ppruvaw jghinuh. Sussegwentement marad sew u anke kellu bzonn amputazzjoni tas-swaba' ta' saqajh minhabba problema ta' zokkor. L-imputat fil-prezent kien ilu barra u cioe' mhux detenut fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin ghal xi hdax(11)-il xahar. Zied li Pace ikkopera hafna maghhom, ghamlu pjan u hu segwieh, izomm l-appuntamenti, jaghti l-kampjuni tal-awrina li jaghtu rizultati negattivi ghall-prezenza tad-droga u ma kellux problemi mieghu.

Fil-15 ta' Settembru 2016 xehdet **Mariella Camilleri**, Assistent Direttur fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Qalet li fil-prezent l-imputat Massimo Caruso qed jaghmel '*community work'* fil-Cat Society Hal-Luqa, biex jaghti xi haga lura lis-socjeta' tal-hsara li ghamel bir-reati tieghu u l-andament tieghu huwa tajjeb.

Fil-15 ta' Settembru 2016 rega' xehed l-allegat vittma **Jeffrey Cassar**. Dan ftakar li fis-17 ta' Mejju 2012 hu kien gewwa d-Division Six tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Waqt li kien bilqeghda marret persuna u bdiet ittih bis-sieq. Dan kien Yousef Essesi. Qal li l-imputati odjerni kienu fil-vicinanzi izda ma rahom jaghmlulu xejn. Bid-daqqa ta' sieq li kien qala' fuq il-milsa kien spicca l-isptar u ghamel hemm ghaxart (10) ijiem. Ikkonferma li kien Essesi li tah bis-sieq.

Il-Qorti jidhrilha pero li ghandha taghmel referenza ghall-i*statements* rilaxxjati mill-imputati. **Massimo Caruso** fl-i*statement* tieghu mehud nhar l-20 ta Marzu 2012 ftit jiem wara li gie rapportat il-kaz jghid li huwa kien qed jirrisjedi fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u proprju fid-Division numru sitta (6). Mistoqsi jekk jafx lill-prigunieri Emmanuel Pace u Youssef Esesi, jghid li jafhom ghaliex kienu fl-istess division tieghu u fil-fatt jghid li kien ghadu kif rahom ghaliex kienu qed jieklu flimkien. Qal li jiftakar li dakinhar tas-17 ta' Mejju huwa kien qieghed fil- grawnd u sema' xi ghajjat u ra lil xi hadd diehel jigri u dan habat go fih u waqa' mal-art. Mistoqsi jekk iggilidx ma' Jeffrey Cassar jghid li ma jaf xejn, pero' mistoqsi jekk sawwatx lil Cassar jghid li ma messux. Jghid li dakinhar kien hemm hafna nies fil-grawnd. Mistoqsi jekk hux minnu li huwa sawwat lil dan Cassar jghid li ma kienx minnu. Mistoqsi jekk kienx lest li jara il-filmat tas-CCTV fejn allegatament kien qed isawwat lil Cassar, wiegeb li kien lest li jarah ghaliex mhux minnu dak li kien qed jigi allegat fil-konfront tieghu. Jghid li huwa fl-ebda hin ma mess lil dan Cassar.

**Emmanuel Pace** ukoll irrilaxja stqarrija li giet esebita a fol. 61 u rilaxxjata minnu nhar l-14 ta Gunju 2012. Jghid li huwa kien residenti fid-divizjoni numru 6 u mieghu kien hemm ukoll Jeffrey Cassar. Jikkonferma li nhar is-17 ta' Mejju 2012 kien ra lil Essesi jixxuttja lil Jeffrey Cassar f'xi hin wara nofsinhar. Qal li hu pprova jferraq lil dan Essesi minn ma' Cassar waqt li kienu fil-bitha. Jghid li kien hemm hafna prigunerieri li raw l-incident. Cahad b' mod kategoriku li f'xi hin aggredixxa lil dan Cassar u dan fl-ebda hin. Ikkonferma li glied ma' Cassar ma kellux u li fil-fatt kien lest li jkellmu anke dak il-hin stess.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2017 meta qablu li l-kawza ghandha tithalla ghas-sentenza finali.

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

Illi f'din il-kawza jidher li kien hemm incident li beda fil-bitha tad-divizjoni numru sitta tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin meta l-prigunier Jeffey Cassar kien bil-qeghda fil bitha u mar fuqu Youssef Essesi u beda jtih bis-sieq. Skond dan Cassar stess, dan jghid li Essesi tah diversi daqqiet kemm waqt li kien fil-bitha kif ukoll meta kien fuq gewwa tad-*division*. Mistoqsi jekk l-imputati odjerni u cioe' Massimo Caruso u Emmanuel Pace kienux involuti f'din il-glieda, jghid li sa fejn jaf hu kien biss Essesi li tah daqqiet ta' sieq u kkagunalu diversi feriti, tant li anke spicca qatta' ghaxart ijiem l-Isptar Mater Dei. Mistoqsi b'mod specifiku jekk l-imputati odjerni kienux involuti f dan l-incident jghid li sa fejn jaf hu kien Youssef Essesi biss li tah id-daqqiet, cio' nonostante pero' l-Prosekuzzjoni ressqet ukoll lill-imputati odjerni sabiex iwiegbu ghall-akkuzi odjerni kif moghtija mill-Prosekuzzjoni.

Il-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha taghmel referenza ghal CCTV *recording* li gie esebit u li jinsab a fol. 79 tal-atti u tghid li fil-fehma taghha jirrizultalha li z-zewg imputati wkoll kienu involuti f'dan l-incident.

Illi ghalhekk din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni stante li dawk migjuba mid-Difiza jikkoncernaw biss il-kwistjoni ta' piena f'kaz li din il-Qorti issib lill-imputati hatja tal-akkuzi addebitati fil-konfront taghhom.

Ta' min ifakkar li fi proceduri penali, l-*onus* tal-prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali, u hija l-eccezzjoni li d-Difiza trid tipprova xi haga.

Il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** *pg. 234 Vol III* jghid: *"Il cosi detto onero della prova, cioe' il carico di fornirla spetta a chi accusa-. onus probandi incumbit qui osservit* "

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq kredibilita' tax-xhieda, u cioe' fuq dak li ddeponew ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra sabiex taghmel ezami sewwa w bir-reqqa tal-provi mressqa quddiemha, u dan ghaliex wara li l-kaz gie moghti lilha mid-Direttur tal-Qorti hija ghexet il-process kollu, u hadet iz-zmien taghha biex tigbor u tisma' *viva voce* l-provi kollha, w ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u l-veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha.

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda ai termini tal-**Artikolu 637(1)** tal-Kap 9, u dan billi qieset l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti w ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom, u jekk ix-xhieda kinetx imsahha minn xhieda ohra, u rat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Id-difiza qed tallega li l-prosekuzzjoni ma pprovatx il-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi u dan ghaliex l-istess xhud Jeffrey Cassar, li kien il-vittma f'dan il-kaz, stqarr ghal darba darbtejn li kien Youssef Essesi li kien hebb ghalih u tah bis-sieq u meta gie mistoqsi anke mill-Qorti jekk l-imputati f'xi hin tawhx xi daqqiet, dan wiegeb fin-negattiv. Anke meta meta gie mistoqsi jekk kienx qed jibza' minn xi hadd, dan wiegeb fin-negattiv.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u tac-cirkostanzi tal-kaz u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Il-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhud ewlieni taghha lill-vitma Jeffrey Cassar, li jikkonferma li kien involut fi glieda nhar is-17 ta' Mejju 2012 u jghid li kien il-prigunier Youssef Essesi li habat ghalih u aggredih billi tah diversi daqqiet. Jghid li huwa sofra diversi griehi u anke spicca l-isptar Mater Dei ghall-osservazzjoni. Mistoqsi jekk l-imputati odjerni kienux ko-partecipi, jwiegeb fin-negattiv u jghid, kemm fl-ezami li sarlu w anke meta rega' xehed fit-tieni okkazjoni in ri-ezami.

Fis-seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2014 Cassar spjega u *ex admisses* qal li **jiftakar illi fis-sbatax (17) ta' Mejju, 2012 huwa kien qieghed fil-bitha ta' Division six (6) gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin,**

**kien bilqieghda flimkien ma' prigunier iehor u spjega li kien gie fuqu prigunier maghruf bhala Yousef Essesi u beda jaghtih bis-sieq.**

**Mistoqsi r-raguni ghaliex beda jaghtih bis-sieq spjega li ma jafx u fil-fehma tieghu beda jaghtih ta' xejn b'xejn. Mistoqsi mill-Qorti x'ghamlu l-imputati Massimo Caruso u Emmanuel Pace spjega li ma jafx.**

*Ex-admisses* in ri-ezami fil-15 ta' Settembru 2016 jghid is-segwenti:-

*"...kont qieghed bilqeghda u giet persuna ttini bis-sieq u dan kienet il-persuna ta' Yousef Essesi. Nghid li l-imputati odjerni kienu fil-vicinanzi pero' nghid li jiena ma rajthom jaghmluli xejn lili ……………… u nghid illi fil-fatt kienet il-persuna ta' Essesi li tatni d-daqqa ta' sieq.*"

In segwitu' l-Prosekuzzjoni ressqet ukoll zewg Correctional Officers jixhdu u jghidu dak li rrizulta lilhom. Il-Correctional Officer **CO94 Charlie Camilleri** jghid nhar l-1 ta' Lulju, 2014 "*illi fis-sbatax (17) ta' Mejju, 2012 jiena kont ghassa fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Effettivament kont stazzjonat fid-Division six(6) u ghall-habta tal-erbgha neqsin kwart (15:45) ta' wara nofsinhar smajt storbju gej mill-bitha tad-Division six (6) fis-sens li kien hemm xi hadd li qed jiggieled, daqqet l-alarm, inzilt isfel, ftaht id-Division u hareg mid-Division Jeffrey Cassar jghajjat Essesi, Essesi. Huwa allega li kien gie msawwat minnu. Sussegwentement kienu gew il-membri tal-SRT u qfilna lil Essesi u Jeffrey mar l-MIU ghat-trattament mediku. Jeffrey Cassar dak il-hin semma' lil Essesi biss."*

**CO 169 Josef Barbara** xehed nhar is-17 ta' Novembru, 2014 u dwar l-incident jghid *ex admsisses* li "*Naf li Jeffrey Cassar beda jsemmi l-persuna ta' Essesi bhala l-agressur tieghu. Filfatt beda jghid li Essesi dar ghalih".*

Illi ghalhekk a bazi ta' din ix-xhieda jirrizulta bic-car li effettivament kien il-prigunier Youssef Essesi li kien aggredixxa lil Jeffrey Cassar. L-uniku xhud li donnu tefa' xi ombra fuq l-imputai kien l-Ispettur Jurgen Vella. Dan jghid li huwa ra l-filmat li ttiehed gewwa l-

Facilita' Korrettiva ta' Kordin li jinsab esebit fl-atti, u fil-fehma tieghu jirrizulta li l-imputati kienu ko-partecipi fl-aggressjoni li sofra Jeffrey Cassar. Jghid li fil-filmat hemm ritratti taghhom jiggieldu u jaggredixxu lil dan Jeffrey Cassar. Pero' meta l-Qorti ezaminat dan il-filmat, kif ukoll l-istills esebiti, ma rrizultalha xejn minn dan salv li kienu fil-vicinanzi, pero' fl-ebda hin ma jidher li dawn b'xi mod kienu aggressivi ma' Jeffrey Cassar. Jghid li dan Jeffrey Cassar kien ukoll qallu li involuti kien hemm ukoll l-imputati ma' Youssef Essesi. Pero' meta l-vittma Jeffrey Cassar xehed fiz-zewg okkazzjonijiet ma ghamel l-ebda referenza ghall-imputati odjerni u ghalhekk tali xhieda tal-Ispettur Jurgen Vella tammonta biss ghal *hear say evidence* u mhix xhieda li tista' torbot fuqha ghal sejba ta' htija.

**Konsegwentement din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u appuntu l-Artikoli 17, 31, 33A, 49, 50, 214, 215, 216, 289, 338(dd), 383, 384, 385, 386, 387, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputati MASSIMO CARUSO U EMMANUEL PACE hatja u tilliberhom minn kull akkuza.**

**Stante li din il-Qorti mhux qed issib lill-imputati MASSIMO CARUSO U EMMANUEL PACE hatja tal-akkuzi addebitati fil-konfront taghhom, qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tohrog Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Jeffrey Cassar.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**